MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 207/2009/1

**Tereza Vella f'isimha proprju u bhala kuratrici tal-minuri**
**uliedha Carmelo, Amy u Mario ahwa Vella,**
**u b'digriet tal-10 ta' Awwissu 2006 Carmelo u Amy ahwa Vella**
**assumew l-atti tal-kawza f'isimhom proprju**

**v.**

**David Vella**

**Il-Qorti:**

1. Dan li gej huwa provvediment dwar talba maghmula mir-rikorrent David Vella (permess ta' rikors prezentat fit-3 ta' Lulju 2009) riferibbilment ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bin-numru 4112/92 FC (Dok A) kontra tieghu u li ghadu <u>in vigore</u> fil-pendenza tal-kawza bejn il-partijiet fl-ismijiet premessi, liema kawza effettivament kienet giet deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru 2007 u li dwarha pero` l-imsemmi rikorrent David Vella interpona appell li ghad irid jigi appuntat ghat-trattazzjoni. Bhala stat ta' fatt ghalhekk, <u>din il-kawza fil-prezent qeghda quddiem din il-Qorti fl-istadju ta' appell</u>.

2. In konsegwenza tal-hrug tal-mandat surreferit, l-imsemmi David Vella jinsab inibit milli jittrasferixxi numru ta' proprjetajiet immobiljari, tlieta (3) fil-ghadd, u dan naturalment <u>in kawtela</u> tal-kreditu pretiz mill-kontroparti intimata Tereza Vella proprio et nomine (attrici pro et. noe fil-kawza li ghadha pendenti, kif fuq inghad, quddiem din il-Qorti).

3. Tramite r-rikors in dizamina, l-imsemmi David Vella qieghed jissottometti li fil-mori huwa sab il-bejgh ta' wahda minn dawn l-immobbli kolpiti bil-mandat surreferit u ghalhekk qieghed jitlob ir-revoka <u>in parte</u> tal-mandat in kwantu proprju jinibih milli jaljena plot numru 182, fit triq gdida, bla isem, fil-kontrada ta' Santa Margerita, limiti tal-Mosta, u b'dan li l-imsemmi mandat jibqa' fis-sehh fil-bqija tieghu.

4. Il-parti intimata (li wiegbet ghar-rikors fl-20 ta' Lulju 2009) qeghda topponi ghat-talba ta' David Vella u dan, succintement, minhabba erba' ragunijiet, jigifieri:
(i) li t-talba tar-rikorrent kien messha saret quddiem il-Qorti li ordnat il-hrug tal-mandat imsemmi u kwindi mhux quddiem din il-Qorti, u dan a tenur tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12;

(ii) li, fil-mertu, li kieku kellha tintlaqa' din it-talba, dan ikun qieghed "jolqot avversament id-drittijiet tal-esponenti bi pregudizzju serju ghalihom";

(iii) fit-tielet u r-raba' lok – u hawn il-Qorti jkollha tosserva li kif inhuma redatti dawn iz-zewg punti ta' oppozizzjoni tant huma ingarbuljati u neboluzi li l-Qorti sabitha difficli biex tikkomprendihom – li jekk ir-rikorrent ser icedi l-appell tieghu allura jsegwi li (dejjem skond l-intimata)
"… il-garanzija minnu offerta tar-rilaxx tas-somma dovuta u tal-ispejjez kollha gudizzjarji, komprizi dawk tal-istess mandat, ma hijiex kawtela idoneja u rassikuranti ghall-interessi pekunjarji tal-esponenti u din il-Qorti, f'kull kaz, m'ghandhiex taccetta li dan isir ghad-detriment ghal principju tal-ekwivalenza (sic) u bi pregudizzju serju ghall-interessi patrimonjali taghha;" u

(iv) li r-rikorrent

"… m'ghandux jinqeda' bi procedura minnu promossa izda minflok ghandu jattiva ruhu biex jissalda mal-istess esponenti dak kollu minnu dovut skond id-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti tal-31 ta' Ottubru 2007."

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

1. L-Art. 836(1) tal-Kap. 12 invokat mill-intimata pro et noe biex topponi t-talba tar-rikorrent jghid *inter alia* hekk:
"Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, <u>jew inkella, jekk tkun saret il-kawza, jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza</u> li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu…"

Darba li hemm appell pendenti, u dan il-fatt m'huwiex in kontestazzjoni, allura l-Qorti li <u>fil-prezent</u> qeghda tiehu konjizzjoni tal-kaz hija din il-Qorti, u li wiehed jippretendi xort'ohra u jsostni li t-trattazzjoni ta' din it-talba ghandha tinstema' mill-ewwel Qorti jammonta ghal spropozitu legali. Fit-tieni lok, din il-Qorti bl-ebda mod ma tikkondividi l-fehma tal-intimata pro et noe li l-akkoljiment tat-talba tar-rikorrent tkun pregudizzjevoli ghall-interessi taghha. Anzi, bil-maqlub! Issa li kieku s-somma indikata bhala prezz tal-bejgh kienet wahda irrizorja jew baxxa, allura wiehed

jista' japprezza sens ta' apprensjoni min-naha tal-kreditur (potenzjali) imma evidentement dan mhux il-kaz. Barra minn hekk, ir-rikorrent qed jorbot u jobbliga ruhu li r-rikavat tal-eventwali bejgh ma jmurx f'butu direttament imma ghand kuratur – u dan biex jitharsu l-interessi potenzjali tal-istess intimata. Trattandosi ta' kawza li ghadha pendenti, il-mandat ottenut kontra r-rikorrent ghandu jibqa' jitqies bhala wiehed kawtelatorju u jekk id-debitur potenzjali sab mezz kif jista' jagevola d-dejn tieghu – f'kaz ta' kundanna – m'ghandux jigi ostakolat. Hu sewwa sew ghalhekk li l-legislatur haseb fil-possibbilita` ta' revizjoni ta' digrieti bhax-xorta in ezami.

Fit-trattazzjoni orali, id-difensur tal-intimata argumentat li hija giet insuspettita mill-"atteggjament" tar-rikorrent fil-pendenza ta' dawn il-proceduri. Izda, bir-rispett kollu, *quod non est in actis non est in mundo*. Li jirrizulta mill-atti ma jirrispekkjax xi fatti li jimmilitaw kontra l-akkoljiment tat-talba tar-rikorrent David Vella.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel tlett talbiet kif dedotti (pero` bil-modifiki li gejjin) u ghalhekk qeghda:

(i) tordna r-revoka *in parte* tal-mandat ta' inibizzjoni numru 4112/96 riferibbilment u limitatament ghal dik il-parti li tolqot l-immobbli deskritta bhala plot 182, fi triq gdida bla isem, fil-kontrada ta' Santa Margerita, limiti tal-Mosta, u b'dan li jibqa' in vigore ghall-bqija tieghu, u dan b'sehh mill-jum li jigi ffissat ghal fini ta' pubblikazzjoni tal-att finali ta' bejgh tal-immobbli in kwistjoni, u dan, s'intendi, dejjem jekk il-bejgh effettivament isir;

(ii) tawtorizza lin-Nutar Malcolm Camilleri li jippubblika l-kuntratt finali tal-imsemmija immobbli;

(iii) tinnomina lill-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores LL.D. bhala kuratur deputat sabiex ikun prezenti ghall-pubblikazzjoni tal-att finali ta' bejgh tal-imsemmija immobbli, u tawtorizzah jircievi mill-prezz tal-bejgh is-somma ta' mija u tmienja u sebghin elf tlett mija u sitta u tletin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€178,336.83) oltre interessi kif ukoll l-ispejjez kollha gudizzjarji, kompriza l-istanza fl-istadju ta' appell, u dawk relattivi ghall-mandat

ta’ inibizzjoni u tal-kuratur fuq imsemmi liema somma ghandha tigi depozitata biex tigi rilaxxjata, skond l-ezitu finali tal-appell, lil min ghandu d-dritt li jippercepiha skond il-ligi.

L-ispejjez relattivi ghal dan il-provvediment jibqghu pendenti sal-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------